# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 491/2018 MH**

**Illum, 10 ta' Ġunju, 2019**

**L-Awtorita' Għat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Kirton & Co Limited (C 180)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Awtorita' attriċi tas-17 ta' Mejju 2018** li permezz tagħha esponiet:

*1. "Illi ai termini tal-Att dwar l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta) l-Awtorita' esponenti hija inter alia l-Awtorita' regolatorja responsabbli għall-operat tal-portijiet ta' Malta;*

*2. Illi l-kumpanija intimata Kirton & Co Limited hija debitriċi tal-Awtorità attriċi fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u ħmistax-il ewro u wieħed u tmenin ċentezmu (€23,215.81) konsistenti fi drittijiet portwali, inklużi drittijiet*

*dovuti taħt ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmiġġ (mooring dues), drittijiet ta' pilotaġġ (pilotage dues), ħlasijiet dwar permessi, ħlasijiet dwar servizzi ta' sigurta' (security services – Boiler Wharf) u ħlasijiet rigward l-immaniġġjar tal-iskart iġġenerat minn bastimenti (ship generated waste management fees);*

*3. Dan jidher mill-istatement of account datat 25 ta' April, 2018 anness bħala* ***Dok. TM1****;*

*4. Id-drittijiet mitluba jirrigwardaw faċilitajiet mogħtija lill-konvenuta Kirton & Co Limited fuq talba tagħha stess fir-rigward ta' diversi bastimenti ta' proprjetà tagħha jew minnha operati jew rappreżentanti;*

*5. Il-konvenuta Kirton & Co Limited ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammonti minnha pagabbli. Madankollu, hija baqgħet inadempjenti u l-ammont dovut baqa' dejjem jiżdied u dan nonostante li l-istess konvenuta ammettiet li hija debitrici tal-kumpanija attriċi;*

***GĦALDAQSTANT****, l-Awtorità rikorrenti umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tisma' u tiddeċiedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*2. Tiddikjara li l-intimata Kirton & Co Limited hija debitriċi tal-Awtorità attriċi fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf u mitejn u hmistax-il ewro u wiehed u tmenin centezmu (€23,215.81), jew somma verjuri, konsistenti fi, iżda mhux neċessarjament limitata għal, drittijiet portwali, inklużi drittijiet dovuti taħt ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmiġġ (mooring dues), drittijiet ta pilotaġġ (pilotage dues), ħlasijiet dwar permessi, ħlasijiet dwar servizzi ta' sigurta' (security services – Boiler Wharf) u ħlasijiet rigward l-immaniġġjar tal-iskart iġġenerat minn bastimenti (ship generated waste management fees);*

*3. Tikkundanna lill-konvenuta Kirton & Co Limited tħallas lill-Awtorità attriċi l-imsemmija somma ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u ħmistax-il ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€23,215.81), jew somma verjuri likwidata minn din il-Qorti;*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji, u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija minn issa inġunta għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-rikors ġuramentat.

Rat illi waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2018[1] dehret Dr Lorna Mifsud Cachia li qalet li kien hemm kawża ta' stralċ pendenti.

Rat l-affidavit tal-avukat Dr Christopher Spiteri għan-nom tal-Awtorita' attriċi[2] li ta aktar dettalji dwar it-talba għall-ħlas li qed tagħmel l-Awtorita' billi kkonferma minn fejn joħorġu t-tariffi mposti.

Rat illi l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

[1] Fol 25
[2] Fol 46 et seq

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fl-kawża odjerna l-Awtorita' attriċi qegħda titlob il-ħlas tas-somma ta' €23,215.81 għal diversi drittijiet portwali inklużi drittijiet dovuti taħt ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmiġġ, drittijiet ta pilotaġġ, ħlasijiet dwar permessi, ħlasijiet dwar servizzi ta' sigurta' u ħlasijiet rigward l-immaniġġjar tal-iskart iġġenerat minn bastimenti.

Is-soċjeta' konvenuta ma ressqt ebda oppożizzjoni għal din it-talba u minn informazzjoni li ngħatat lil din il-Qorti jidher li kien hemm proċeduri ta' stralċ dwarha għalkemm wara s-seduta tal-5 ta' Novembru 2018 il-Qorti ma ngħatat ebda tagħrif ieħor dwar il-progress o meno ta' dawk il-proċeduri.

Il-Qorti wara li rat ix-xhieda ġuramentata tar-rappreżentant tal-Awtorita' u d-dokumenti esibiti ssib li t-talba attriċi ġiet pruvata u timmerita li tiġi akkolta.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti bl-ispejjeż ikunu a karigu tas-soċjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**